

Brussell, 29 ta' April 2022
(OR. en)

8474/22

ENT 58
MI 314
COMPET 265
AGRILEG 55
ENV 372
CHIMIE 39
IND 133
DELECT 70

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 1437 Final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-14.3.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji dwar l-effiċjenza agronomika u s-sikurezza għall-użu ta' prodotti sekondarji fi prodotti fertilizzanti tal-UE - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Fl-14 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq f'konformità mal-Artikoli 42 (7) u 44 (4) tar-Regolament (UE) 2019/1009¹. L-abbozz tar-Regolament delegat jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1009.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170 25.6.2019, p. 1).

2. L-Artikolu 42(7) tar-Regolament (UE) 2019/1009 jirrikjedi li l-Kummissjoni tissupplimenta l-Parti II, CMC 11, il-punt 3, tal-Anness II, billi tistabbilixxi kriterji għall-effiċjenza agronomika u s-sikurezza għall-użu ta' prodotti sekondarji skont it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE fi prodotti fertilizzanti tal-UE. Il-prodotti sekondarji jibnu kategorija eteroġenja ta' sustanzi b' natura fiżika u kimika differenti, u huma definiti mid-Direttiva 2008/98/KE².
3. Id-delegazzjonijiet kellhom sas-26 ta' April 2022 biex joġġezzjonaw għall-att delegat. Sa din l-iskadenza, l-ebda delegazzjoni ma għamlet oġġezzjonijiet. Delegazzjoni waħda esprimiet riżerva għall-abbozz attwali tar-Regolament delegat, u xewqa għal estensjoni, sabiex jiġu ċċarati l-valuri ta' limitu għall-kromju u l-vanadju.
4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemmx oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 7224/22, bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

² Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).